**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 88/17 CZ**

**Untours Insurance Agents Ltd. (C 5655) ghal QIC International LLC**

**vs**

1. **Helen Vella u 2. Steve Vella, u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar it-12 ta' Lulju 2017 gie nominat Dr. Mark. A. Mifsud Cutajar bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Steve Vella, u b'digriet datat l-20 ta' Jannar 2018 l-isem Dr. Mark A. Mifsud Cutajar bhala kuratur gie sostitwit bl-isem originali tal-konvenut Steve Vella li assuma l-atti f'ismu**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-9 ta' Frar 2017 fejn premettiet:

Illi dan il-kaz si tratta fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq l-intimata Helen Vella.

Illi nhar it-30 ta' Mejju 2012 sehh incident stradali fis-7:16 AM fejn l-intimat Steve Vella li kellu wiehed u ghoxrin (21) sena saq il-vettura Hyundai nru LCL 353 minghajr polza ta' assigurazzjoni li kienet tkoprieh.

Illi s-socjeta' mittenti permezz ta' l-award moghti nhar it-23 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Mariella Schembri vs. Steven Vela et giet misjuba responsabbli sabiex thallas l-ammont ta' €2,836.98.

Illi l-hlas da parti tal-mitenti sar u ghalhekk giet intavolata din il-kawza sabiex jigi rikavat l-ammont, ai finijiet tal-Kap. 104.

Bl-ispejjez u imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-att.

L-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Helen Vella fis-6 ta' Marzu 2017 fejn iddikjarat:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto stante illi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba s-segwenti ragunijet

1. Illi preliminarjament l-esponenti qatt ma kienet involuta fil-proceduri ta' Arbitragg li jsiru referenza ghalihom fl-avviz.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Steven Vella kien kopert permezz ta' polza ta' assikurazzjoni u dan hekk kif jidher mid-Dok. A pprezenta ma' l-avviz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Illi permezz ta' risposta prezentata fid-9 t'Ottubru 2017, Dr. Mark Mifsud Cutajar, kuratur ta' l-assenti konvenut Steve Vella, iddikjara:

Illi l-esponent jeccepixxi li hu mhux edott mill-fatti.

Illi f'kull kaz l-atturi ghandhom jippruvaw l-kawza taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi eventwalment dan il-kuratur gie estromess ghaliex il-konvenut Vella assuma l-atti huwa nnifsu.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi tressqu s-segwenti provi:

Is-socjeta’ attrici esebiet kopja legali ta’ lodo ta’ arbitragg bejn Mariella Schembri u Steven Vella et.

It-Tribunal ra wkoll l-affidavit ta’ Richard Vella (fol. 145), ta’ Jacqueline Grima (fol. 150), ix-xiehda tal-konvenut (fol. 156 u 162), u x-xiehda mill-gdid ta’ Jacqueline Grima (moghtija fis-seduta tad-9 t’April 2018).

Illi Steve Vella, bin Helen Vella, assikurata tas-socjeta’ attrici kellu incident stradali fit-30 ta’ Mejju 2012, waqt li l-vettura li kien qed isuq kienet koperta minn assikurazzjoni favur ommu l-konvenuta Helen Vella, u kull persuna li ghandha iktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi dakinhar ta’ l-incident, l-intimat Steve Vella kellu wiehed u ghoxrin (21) sena, u ghalhekk ma kienx kopert mill-polza ta’ assikurazzjoni in kwestjoni. Filwaqt li l-konvenuti jishqu li l-fatt li l-assikurazzjoni kienet imhallsa u regolari dan kien ifisser li kienet tkopri wkoll lill-konvenut Vella, is-socjeta’ attrici min-naha l-ohra ssostni illi l-kopertura tal-konvenut Vella saret dakinhar tal-habta, izda wara l-habta, minn dak il-punt ‘il quddiem.

Illi din hija azzjoni ta' rivalsa kif kontemplata fl-Artiklu 12 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, intqal fis-sentenza *Gasan Mamo Insurance Limited vs. Bartholomeo sive Robbie Debono et*[1]:

> Illi ladarba s-soċjetà attriċi ħallset is-somma dovuta mill-assigurat tagħha skont is-sentenza tal-Qorti u abbażi tal-proviso tal-artikolu 12 tal-Kap. 104, is-soċjetà attriċi tista' sussegwentement iddur kontra l-assigurat tagħha:
>
>> "Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbiltà ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbiltà, u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik ilpersuna."
>
> Illi kif ġie affermat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna rigwardanti l-artikolu 12 tal-Kap. 104, ir-restrizzjonijiet fil-polza ma jistgħux jiġu invokati kontra t-terz u s-soċjetà assiguratriċi hija obbligata li tindennizza lit-terz danneġġjat. Fis-sentenzi fl-ismijiet *Fogg Insurance Agencies Limited noe. vs. Simon Tabone*[2] jingħad:
>
>> "Rigwardata taħt it-tieni aspett, senjatament l-Art. 12 tal-Kap 104, ġie sewwa raġunat mis-soċjetajiet appellati illi f'kull każ is-soċjetà assikuratriċi hija obbligata li tindennizza lit-terz danneġġjat għall-ħsarat sofferti u dan nonosante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva "għall-età ta' min ikun qed isuq il-vettura" subparagrafu (f) ta l-Artikolu 12(1). Ir-rimedju akkordat mil-liġi lis-soċjetà assikuratriċi hu biss wieħed ta' rivalsa kontra l-persuna assigurata. ......omissis...... Minn dak deżunt mill-Kap. 104 huwa ovvju illi l-Qorti ma tistax titrattjeni talba li tippermetti lis-soċjetà appellanti biex, kif jingħad minnha, l-kundanna mposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tiġi riżarċita direttament minnha. Anke jekk talvolta s-soċjetà appellanti għandha raġuni serja u valida biex il-polza

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru 2017, per Onor. Imhallef Lawrence Mintoff
[2] App. Inf., 28 t'April 2004

ma tirrispondix fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raġuni, kif fuq manifest skond it-test tal-liġi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneġġjat."

Fis-sentenza fl-ismijiet *Koronata Azzopardi et vs. Paul Sultana et*[3], ingħad: "Waħda mir-responsabbiltajiet koperti hu proprju l-feriment lil terzi persuni. Għalhekk f'dan il-każ partikolari l-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-fatt waħdu li taħt il-polza Paul Sultana ma jikkwalifikax bħala "authorized driver" dan għandu jwassal sabiex l-atturi ma jkunux jistgħu jitħallsu mingħand il-kumpannija assiguratriċi għad-danni subiti fil-moħriet u anke dawk li sofriet fil-persuna tagħha l-attriċi Concetta Azzopardi. Dan in kwantu b'liġi kwalsiasi restrizzjoni f'dan is-sens li jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni ma jista' jkollha l-ebda effett fil-konfront tat-terza persuna li tkun weġġgħet fl-inċident tat-traffiku."

Illi fil-mertu, ghandu jinghad illi l-konvenuta ma gabet l-ebda prova li t-tifel Steve Vella kien assigurat fil-hin ta' l-incident. Pjuttost, id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici juru l-kuntrarju. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjegatilha illi meta kienet qed testendi l-kopertura ghat-tifel, dak kellu jkun minn dak il-punt 'il quddiem, u jirrizulta illi din kienet haga illi l-konvenuta fehmitha. Jirrizulta ghalhekk illi dak il-hin ta' l-incident, il-konvenut Steve Vella kien eskluz mill-kopertura u ghaldaqstant ghad-dannu subit ghandhom issa jwiegbu l-konvenuti, u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet maghmula mill-konvenuti, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna ghalhekk lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta'

[3] Qorti tal-Magistrati (Għawdex)(Sup.), 15 t'April 2008

elfejn, tmin mija u sitta u tletin Euro u tmienja w disghin centezmu (€2,836.98), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur